**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 13 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Numru 1/2023**

**Joseph Attard**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Joseph Attard** ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi huwa applika sabiex tingħatalu liċenzja ta' gwardjan privat.*

2. *Illi l-esponent ġie infurmat permezz ta' ittra datata 22/11/2022, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn esebita bħala Dok A, li t-talba tiegħu ġiet riġettata minħabba li fil-konfront tiegħu hemm sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-12/12/1990 dwar offiża gravi.*

3. *Illi, l-esponent ġabar din l-ittra fid-09 ta' Diċembru, 2022, mill-Posta.*

4. *Illi, għandu jingħad li ċ-ċaħda tiegħu sabiex huwa jingħata l-liċenzja mitluba, ma kinitx waħda raġjonevoli u dan għas-segwenti raġunijiet.*

5. *Illi, is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu, li kienet waħda ta' sentenża sospiża għall-4 snin, kienet tikkonċerna inċident li jirrisali għal kważi 35 sena ilu, meta l-esponent kien għadu tifel.*

6. *Illi, per konsegwenza, il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ilu li ddakada snin ilu u minn dak iż-żmien l'hawn, huwa qatt ma reġa' kellu kwistjonijiet mal-Qorti.*

7. *Illi, minn dak iż-żmien l'hawn, l-esponenti iżżewweġ u kabbar familja.*

8. *Illi, per di piu, l-esponent kien diġà ngħata liċenzja simili fis-sena 1996, però kien tilifha peress li ma kienx baqa' jħallas il-liċenzja peress li kien sab xogħol alternattiv.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jgħoġbu jirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju ntimat u tordna li tinħariġlu l-liċenzja mitluba.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 19 ta' Jannar 2023, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi in linea preliminari, dan l-appell huwa null peress li ġie preżentat fuori termine. Ai termini tal-**artikolu 11(3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta** l-appellant għandu żmien xahar kalendarju sabiex jintavola rikors quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. L-appellant irċieva l-avviż ta' rifjut fl-1 ta' Diċembru 2022 iżda dan l-appell ġie intavolat fil-5 ta' Jannar 2023 u għaldaqstant huwa tardiv;*

2. *Illi esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati li wettaq diversi reati matul iż-żmien, fosthom li fit-12 ta' Diċembru 1990 instab ħati li wettaq offiża ta' natura gravi fuq il-persuna. Dan ir-reat, flimkien ma' oħrajn li huma lkoll elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. COP,'jikkostitwixxi delitt ta' offiża gravi kontra l-persuna u delitt gravi ieħorai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *Illi peress li r-reat hawn fuq imsemmihuwa delitt ta' offiża gravi kontra l-persuna u deliitt gravi ieħor ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk l-esponent jikkunsidra li dan ir-reat kif ukoll l-oħrajn kommessi mir-rikorrent huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara*

*__Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva__*[1] *deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

5. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala delitt" li jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 10(a) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***__jimponi obbligu fuq il-Kummissarju__*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

6. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Naturalment li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li jagħti xi tip ta' diskrezzjoni allura huwa kien isemmiha fil-liġi u dan in omaġġ għall-prinċipju ubi lex voluit dicit, ubi noluit tacuit;*

7. *Illi mhuwiex minnhu dak li qiegħed jgħid ir-rikorrent fil-ħames premessa tar-rikors promotur u ċjoe' li huwa kien għadu 'tifel' fiż-żmien ta' meta sar ir-reat għaliex huwa kellu għoxrin sena meta wettaq dan ir-reat;*

8. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċjoe' huwa qiegħed ibagħti xi preġudizzju għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrent, minħabba li wettaq reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jista' jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat;*

9. *lli finalment* ***b'referenza għat-talba*** *hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi (ara l-aħħar paragrafu ta' paġna 6 tas-sentenza* ***__Paulseph Pirotta vs Kummissarju tal-Pulizija__*** *deċiża fit-28 ta' April 2022)*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Ra illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat kienet waħda ta' natura preliminari, u għalhekk ġie ordnat li l-istess tiġi trattata u deċiża qabel ma dan it-Tribunal jidħol fil-mertu;

---

[1] Rks 87/2020.

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat ippreżentata fis-16 ta' Mejju 2023;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 22 ta' Novembru, 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

***"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.***

***Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta), peress illi jirriżulta li inti, instabt ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna.***

***Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar it-12 ta' Diċembru 1990 dwar offiża ta' natura gravi fost akkużi oħra, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula."***

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-Kummissarju intimat eċċepixxa illi l-appell tar-rikorrent huwa tardiv u dan stante li huwa rċieva d-deċiżjoni appellata fl-1 ta' Diċembru, 2022, mentri l-appell ġie ppreżentat fil-5 ta' Jannar, 2023.

Illi ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tħossha aggravata mir-rifjut tal-għoti ta' liċenzja għal gwardjan privat, l-istess persuna tista' tippreżenta rikors quddiem dan it-Tribunal sabiex tinħareġ il-liċenzja. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fi **żmien xahar kalendarju**.

Illi l-Ispettur Sarah Magri, xehdet illi l-ittra tar-rifjut hija datata 22 ta' Novembru 2022 u din intbagħtet lir-rikorrent permezz tal-posta

reġistrata. Spjegat li mit-*tracking number* jirriżulta illi l-istess ittra ġiet konsenjata fl-1 ta' Diċembru 2022.

Ir-rikorrent xehed illi l-ittra in kwistjoni ġabar l-ittra personalment mill-Uffiċju tal-Posta fid-9 ta' Diċembru 2022.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023, Carmen Scerri Lautier, uffiċjal tal-Malta Post plc, xehdet illi hija ma kinitx ingħatat in-numru ta' referenza tal-ittra li kellha tixhed fuqha u għalhekk ma kinitx f'posizzjoni li tagħmel riċerki dwar l-istess. Illi għalhekk ix-xhud, wara li ngħatat in-numru ta' referenza mit-Tribunal, obbligat ruħha li terġa' titla' tixhed fis-seduta sussegwenti. Madanakollu, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, id-difensur tar-rikorrent iddikjara li m'għandux provi iktar x'iressaq u ma nsistiex li terġa' tixhed ir-rappreżentant tal-Maltapost.

**Ikkunsidra:**

Illi dan it-Tribunal se jibda billi jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Vella vs General Workers Unions*** deċiża fid-29 ta' April 2015, fejn intqal is-segwenti:

*Fuq din il-preġudizzjali li l-appell hu irritwali in kwantu fuori termine jibda biex jiġi reġistrat illi huwa fil-ġeneralita` tar-riti proċesswali taħt id-diversi liġijiet u għal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti għall-appell jinkwadraw ruħhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk għas-sempliċi fatt materjali u oġġettiv tad-dekorrenza taż-żmien[2].*

***"Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mil-liġi prevvisti. Ad eżempju, fejn il-ġurnata tal-iskadenza tat-terminu taħbat nhar ta' Sibt jew il-Ħadd jew xi ġurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutile tagħhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan għal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk neċessarju għal raġuni ta' ċertezza u, ukoll, ta' uniformita`".*** <u>Appell Ċivili Numru. 505/2009/1 Daniela ZwackWandrey vs Messrs. In-Sight Ltd</u>

***"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħu jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jeħtieġ li jiġu osservati u dan taħt piena ta' irritwalita` u nullita` tal-***

[2] Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia et", Appell Ċivili, 3 ta' Ottubru, 1927

***proċeduri li għandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirriżultaw lilha, tiġi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … … In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-proċedura hu null għandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jeħtieġilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun ġiet miġjuba a konoxxenza tagħha" "Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997". "Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Diċembru, 2007***

*Huwa paċifiku illi l-liġijiet ta' proċedura "si debbono osservara alla lettera e non per equipollens"* ***(Vol XVIII pI p879).*** *Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi "ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"(****Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421****).*

*Dan iġib bħala konsegwenza illi t-terminu proċedurali għal proponiment ta' l-appell kellu jiġi osservat strettament u 'ad unguem'. Din mhiex kwistjoni ta' formaliżmu iżda ta' miżura ta' dixxiplina proċesswali li mill-osservanza tagħha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu. Ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini għal kompiment ta' atti proċesswali huma dawk stabbiliti mil-liġi.*[3]

Illi l-Kummissarju intimat esebixxa *tracking history* tal-ittra in kwistjoni li ġiet impustata fl-24 ta' Novembru 2022 ġewwa l-Uffiċju Postali tal-Furjana.[4] Mill-istess *history* jirriżulta illi sar tentattiv biex l-istess ittra titqassam fil-25 ta' Novembru 2022 pero` t-tentattiv kien fin-negattiv. Dan jirriżulta wkoll mill-*envelope* esebit mir-rikorrent a fol. 26. Jirriżulta wkoll illi fl-1 ta' Diċembru 2022 l-ittra nġabret minn ġo *sub post office* ġewwa l-Imsida. Illi sabiex wieħed jiġbor ittra reġistrata naturalment irid jipprovdi l-Karta tal-Identita` u f'każ li jmur jiġborha xi ħadd ieħor f'ismu, dan it-terz irid jipproduċi wkoll il-Karta tal-Identita` tiegħu.

Illi r-rikorrent pprova jegħleb din il-prova mressqa mill-Kummissarju intimat billi sempliċement jiddikjara illi huwa ġabar l-istess ittra fid-9 ta' Diċembru 2022. Illi dan it-Tribunal ma jqisx illi din id-dikjarazzjoni għelbet il-prova dokumentarja prodotta mill-Kummissarju intimat. Dan qiegħed jingħad iktar u iktar meta r-rikorrent kellu kull possibilita` li jekk ma qabilx ma' dak imniżżel fit-*tracking history,* jikkonfronta bl-istess fatti lill-uffiċjal tal-Maltapost, liema xhud pero` rrinunzja għaliha, u dan wara li l-istess xhud kienet lesta li tipproduċi prova dwar min ġabar l-istess ittra.

---

[3] Appell Ċivili Numru. 120/2000/1 Maurice u Rosaria sive Lucy miżżewġin Cefai vs Doris Fenech
[4] Dokument SM1 a fol. 31

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li, kif isostni l-Kummissarju intimat, ir-rikorrent irċieva l-ittra tad-deċiżjoni fl-1 ta' Diċembru 2022 u għaldaqstant l-appell intavolat minnu ġie ppreżentat oltre x-xahar kalendarju stipulat fil-Liġi. Illi tali tardivita` hija fatali għall-prosegwiment ta' dan l-appell.

Illi għalhekk it-Tribunal iqis illi l-Kummissarju intimat għandu raġun fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat u għaldaqstant jiddikjara illi l-appell intavolat mir-rikorrent huwa wieħed tardiv.

Għaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**